MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 914/2005

**Francis Saviour sive Frank u Yvonne konjugi Spiteri u b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2007, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anita Gollcher xebba Spiteri u Ramon Spiteri sabiex ikomplu l-kawza minflok Francis Saviour sive Frank li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Vincent Galea u b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2008, Elmo Insurance Limited giet nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta l-wirt battal ta' Vincent Galea li miet fil-mori tal-kawza fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti kollha relattivi**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata t-3 t'Ottubru, 2005, li permezz taghha l-atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-attrici Yvonne Spiteri sfat feruta gravament f'incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, fis-17 ta' Gunju, 2004, meta ttajret minn vettura tal-marka Austin Metro bin-numru LAR – 682, misjuqa minn Vincent Galea, il-konvenut;

2. Illi dan l-incident sehh b'tort, negligenza, imperizja u b'nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imsemmi konvenut;

3. Illi b'rizultat tal-istess, l-attrici fuq indikata, sofriet danni konsegwenzjali oltre dizabilita` permanenti kif certifikat mill-kirurgu Raymond Gatt;

4. Illi nonostante li nterpellat, il-konvenut baqa` ma resaqx biex jillikwida d-danni sofferti mill-attrici;

Illi in vista tal-premess l-atturi fuq indikati talbu lill-konvenut u sussegwentement lis-socjeta` kuratrici deputata biex jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut Galea fuq gia` ndikat, responsabbli ghall-incident fuq indikat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut u s-socjeta` kuratrici deputata li issa qed tirrapprezentah, biex ihallsu s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut u s-socjeta` kuratrici deputata li tirrapprezentah;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata attrici li tirriproduci c-citazzjoni in dizamina;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Galea datata t-28 ta' Novembru, 2005, li permezz taghha eccepixxa sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi respinta ghaliex l-incident in dizamina ma garax tort tal-konvenut izda unikament tort tal-attrici Yvonne Spiteri;

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi michuda billi m’hemmx danni x’jigu likwidati favur taghhom;

3. Illi anke t-tielet talba ghandha tigi respinta stante li l-eccipjenti m’ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-atturi;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut li tirribadixxi l-eccezzjonijiet vantati u sintetikament tghid:

1. Illi l-incident in dizamina sehh meta l-imsemmija Yvonne Spiteri qabdet u qasmet it-triq de quo li hi triq traffikuza;

2. Illi l-imsemmija Spiteri ghamlet dan minghajr id-debita attenzjoni, u qabdet u qasmet minghajr hsieb;

3. Illi l-konvenut Galea kien qed isuq bil-galbu;

4. Illi kien l-agir tal-attrici Spiteri li holoq emergenza lill-konvenut Galea tant, li ma setax jevita li jolqot lill-istess Spiteri;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat is-6 ta’ Frar, 2006, li permezz tieghu hatret lil Mr. Charles Grixti bhala espert mediku biex jezamina lill-attrici u jirrelata dwar kull dizabilita` permanenti li setghet issofri minnha l-attrici Spiteri b’rizultat tal-incident de quo;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-atturi datat l-14 ta’ Novembru, 2006, li permezz tieghu nforma lill-qorti li miet l-attur u ghalhekk kien hemm il-htiega tat-trasfuzjoni tal-gudizzju biex jigu legittimati l-atti;

Rat ir-rikors datat il-11 ta' Jannar, 2007, li permezz tieghu ntalbet it-trasfuzjoni tal-atti ghar-raguni ndikata fil-paragrafu precedenti;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-31 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu laqghet it-talba de quo u ordnat it-trasfuzjoni tal-atti kif mitlub, (ara fol 62);

Rat ir-rikors tal-atturi datat it-23 t'April, 2008, li permezz tieghu l-atturi nfurmaw lill-qorti li l-konvenut Vincent Galea kien miet fil-mori tal-kawza u stante li l-eredi tieghu ma kienux maghrufa, talbu li jinhatru kuraturi deputati biex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-imsemmi konvenut kif hemm indikat, (ara fol 74);

Rat id-digriet relattiv ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-22 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu hatret lis-socjeta` Elmo Insurance Limited bhala kuratur ghall-finijiet kollha tal-ligi, (ara fol 83);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` kuratrici deputata konvenuta datat il-11 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu, iddikjara li issa kien qed jaghmel tieghu l-eccezzjonijiet li kienu nghataw mill-konvenut Galea tas-socjeta` Elmo Insurance Limited, (ara fol 84);

Rat il-verbal ta' din il-qorti wkoll diversament preseduta datat it-23 t'April, 2009, li permezz tieghu hatret l-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma' l-provi kollha li kien ghad fadal, (ara fol 100);

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-provi kollha migbura mill-assistent gudizzjarju fuq riferit;

Rat ix-xhieda kollha mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju fuq riferit;

Rat il-verbal taghha kif preseduta datat is-6 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu wara li issa sabet li l-kaz kien

matur ghad-decizjoni nonostante l-ovvju, ikkoncediet lill-abbli rapprezentanti tal-partijiet biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fit-termini lilhom hemm koncessi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata t-30 ta' Novembru, 2011;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tas-socjeta` kuratrici deputata konvenuta datata l-5 ta' Marzu, 2012;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna skont l-attrici Yvonne Spiteri jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara, ghall-habta tad-9.30a.m. tas-17 ta' Gunju, 2004, meta minn Triq Psaila l-attrici Yvonne Spiteri daret ghat-triq indikata aktar qabel;

2. Illi meta l-attrici Spiteri kienet fl-imsemmija triq fejn sehh l-incident issostni li waqfet, harset lejn iz-zewg direzzjonijiet minn fejn jghaddi t-traffiku u bdiet taqsam l-imsemmija triq;

3. Illi hekk kif bdiet taqsam, intlaqtet mill-konvenut Spiteri li kien qed isuq il-vettura fuq indikata;

4. Illi f'dan l-incident l-attrici Spiteri la semghet "*horn*" u lanqas brejkijiet;

5. Illi l-impatt kien wiehed qawwi;

6. Illi l-attrici sofriet ksur estensiv f'genbejha li effettwalha l-motorieta` stante li spiccat li meta timxi kienet issofri ugiegh estensiv;

7. Illi konsegwenza tal-istess, l-attrici kellha tissottometti ruhha ghal tlett (3) operazzjonijiet li pero`, ma jirrizultax li kienu ta' xi fejda;

8. Illi b'rizultat tal-incident de quo minn mara ndipendenti u attiva, l-attrici spiccat dipendenti minn haddiehor u kapaci biss timxi ftit passi minghajr ugiegh;

9. Illi hajjitha nbidlet kompletament u saret ghalhekk dipendenti minn kuri medici, sptarijiet u tobba;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` kuratrici deputata konvenuta pero` ssostni kuntrarjament sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh unikament tort u htija tal-attrici Spiteri billi poggiet ruhha fil-karreggjata li fiha kien qed isuq il-konvenut Galea;

2. Illi t-triq fejn sehh l-incident kienet miexja u ma kien hemm l-ebda impediment vizwali da parti tal-attrici u ghalhekk setghet facilment tara l-vetturi mixjin fit-triq in dizamina;

3. Illi hu u miexi fi triqtu " … sabha quddiemu fit-triq, tajjarha" (ara fol 91);

4. Illi l-konvenut kien sostna mas-socjeta` assikurattrici tieghu li hekk kif kien qed isuq lejn Fleur-de-Lys " … a woman crossed the road without looking", (ara fol 129);

Ikkunsidrat:

Illi tali fatti kif fuq sintetikament esposti jaghtu lok ghall-konkluzjonijiet segwenti:

1. Illi l-attrici Spiteri jirrizulta li kienet diligenti u prudenti, meta harset lejn iz-zewg nahat tat-triq qabel ma bdiet it-traversata taghha in dizamina;

2. Illi tali prekawzjoni hi ndispensabbli ghalkemm, bhal ma jirrizulta fil-kaz odjern, din il-prudenza ma kinitx bizzejjed biex jigi evitat l-incident de quo;

3. Illi meta *a tempo vergine*, (semplicement erbat ijiem wara l-incident), il-konvenut mar jirraporta l-incident de quo lis-socjeta` assikuratrici tieghu, isostni li ra lill-mara, (l-attrici Yvonne Spiteri), taqsam, u dan, "minghajr ma thares", (ara fol 129);

4. Illi tali nformazzjoni titfa' hafna dawl fuq il-vertenza – *molto piu`*, meta paragunata mal-verzjoni tal-protagonista l-ohra tal-kaz de quo li sintetikament tista' tigi esposta bil-mod segwenti:

i. Illi Yvonne Spiteri kienet ghaqlija u prudenti bizzejjed biex qabel ma taqsam triq maghrufa li hi traffikuza hi tiehu l-prekawzjonijiet dovuti biex tissalvagwarda l-inkolumita` taghha u biex ma tohloqx perikolu ghal utenti ohra tat-triq;

ii. Illi in effetti l-affermazzjoni taghha li meta harset ma rat l-ebda traffiku u ghalhekk qasmet tindika inekwivokabbilment li l-konvenut Galea kien qed isuq b'mod sostenut – aktar minn dak koncess fi triq fl-abitat;

iii. Illi meta l-konvenut jafferma minghar tlaqlieq li kien ra lill-attrici taqsam it-triq u nonostante dan, la jdoqq il-"*horn"* u lanqas ihalli marki ta' brejkijiet, dan kollu jimmilita favur il-konkluzjoni li l-konvenut kien qed isuq b'mod skonsiderat li ma jippermettilux jirreagixxi ghall-velocita` li kien miexi biha u ghalhekk kien qed isuq b'negligenza, imperizja u b'nuqqas t'osservanza tar-regoli tas-sewqan;

5. Illi ghalhekk l-incident in dizamina hu unikament imputabbli lill-konvenut Vincent Galea ghaliex minn naha l-wahda gie riskontrat li l-attrici Spiteri hadet il-

prekawzjonijiet ragonevoli mistennija mentri l-velocita` riskontrata mis-sewqan tal-konvenut Galea ma ppermettilux jirreagixxi ghall-incident li holoq;

Ikkunsidrat:

Illi epurata r-responsabbilita` legali tal-akkadut hu issa d-dover taghha tindirizza l-likwidazzjoni tad-danni sofferti li jistghu sintetikament jigu esposti bil-mod segwenti:

1. Illi d-danni reklamati mill-attrici huma espressament minnha limitati " … ghal dawk l-ispejjez li kienu fl-intier taghhom necessitati minhabba r-riperkussjonijiet kagunati mill-incident de quo" – senjatament id-"*damnum emergens*", (ara fol 138);

2. Illi f'dan ir-rigward jinghad is-segwenti:

i. Illi meta sehh l-incident l-attrici kellha hamsa u sebghin (75) sena;

ii. Illi komplessivament id-danni hekk rikjamati ghall-operazzjonijiet, kura, medicini ancillari jammontaw ghal sbatax –il elf, erba' mija u sitt Ewro u tlieta u disghin centezmu, (€17,406.93);

3. Illi din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn ma taqbilx mal-ammont rilevat, molto piu`, stante li suffragat minn fatturi relattivi u l-oppozizzjoni rilevata mis-socjeta` kuratrici deputata konvenuta ma treggix;

**DECIDE**:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti, filwaqt li tirrespingi totalment l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` kuratrici deputata konvenuta bhala superfluwi u ma jixirqulhiex, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Vincent Galea hu unikament responsabbli ghall-incident awtomibilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Yvonne Spiteri fl-ammont komplessiv ta' sbatax –il elf, erba' mija u sitt Ewro u tlieta u disghin centezmu, (€17,406.93), kif minnha ppostulat;

3. Tikkundanna lis-socjeta` kuratrici deputata konvenuta Elmo Insurance Limited biex thallas lill-atturi fuq indikati l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi mit-3 t'Ottubru, 2005, data li fiha giet intavolata l-procedura odjerna kontra l-istess socjeta` kuratrici deputata konvenuta de quo.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------